Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Frar 2014**
**(OR. en)**

**6113/14**
**ADD 12**

**JAI 61**
**GENVAL 6**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Frar 2014 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2014) 38 final Anness 12 |
| Suġġett: | ANNESS L-ITALJA għar- Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni --- |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 38 final Anness 12.

---

Mehmuż: COM(2014) 38 final Anness 12

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2014
COM(2014) 38 final

ANNEX 12

**ANNESS**

**L-ITALJA**

***għar-***

**Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni**

**—**

MT MT

# *L-ITALJA*

## 1. INTRODUZZJONI - ASPETTI EWLENIN U KUNTEST

### *Qafas kontra l-korruzzjoni*

**Approċċ strateġiku** Għal dawn l-aħħar għoxrin sena l-approċċ tal-Italja kontra l-korruzzjoni serraħ b'mod konsiderevoli fuq it-trażżin. Liġi ġdida kontra l-korruzzjoni ġiet adottata fis-6 ta' Novembru 2012, bil-għan li tiżgura approċċ iktar ibbilanċjat għall-politiki kontra l-korruzzjoni u tipprevedi linja preventiva msaħħa u iktar responsabilità fl-amministrazzjoni pubblika.[1] F'Settembru 2013, l-awtorità nazzjonali kontra l-korruzzjoni (*Commissione indipendente per la Valutazione, la Trasparenza e l'Integrità – CIVIT*) approvat il-pjan nazzjonali kontra l-korruzzjoni għal tliet snin, ippreparat mid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika.[2] Il-pjan ta' azzjoni jieħu approċċ orjentat lejn ir-riskju u jiffoka fuq miżuri preventivi u trasparenti għall-amminstrazzjoni pubblika, iżda jinkludi wkoll xi miżuri mmirati li jżidu s-sejbien ta' prattiċi korrotti. Huma pprovduti wkoll xi indikaturi tal-prestazzjoni, filwaqt li l-iskadenzi għat-twettiq tal-miżuri mhumiex definiti fid-dettall. Il-qafas preventiv wiesa' pprovdut mill-qafas leġiżlattiv il-ġdid ipoġġi piż sinifikanti fuq l-amministrazzjoni pubblika u jitlob sforzi konsiderevoli biex tkun żgurata l-kapaċità meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva. Japplikaw kunsiderazzjonijiet simili fir-rigward tal-kapaċità tal-aġenzija nazzjonali kontra l-korruzzjoni (CIVIT) biex tmexxi politiki ambizzjużi kontra l-korruzzjoni.

**Qafas ġuridiku.** L-Italja rratifikat il-Konvenzjonijiet dwar il-Liġi Kriminali u l-Liġi Ċivili tal-Kunsill tal-Ewropa f'Ġunju 2013.[3] Bi tweġiba għal tħassib serju marbut mal-korruzzjoni li kien rifless fl-istħarriġ tal-opinjonijiet[4] u mill-għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli,[5] il-Gvern Taljan nieda sett ġdid ta' riformi kontra l-korruzzjoni fl-2012. Il-Gvern talab vot ta' fiduċja biex jiżgura l-adozzjoni ta' liġi ġdida kontra l-korruzzjoni fis-6 ta' Novembru 2012.[6] Il-liġi l-ġdida għandha l-għan li tiżgura bidla fil-mentalità fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika Taljana u tipprevedi, fost l-oħrajn: koordinament imsaħħaħ tal-politiki kontra l-korruzzjoni fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali; approċċ preventiv imsaħħaħ; obbligu għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha li jadottaw u japplikaw pjanijiet ta' integrità; ambitu usa' tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali dwar reati marbuta mal-korruzzjoni; regoli ta' integrità msaħħa għall-uffiċjali eletti; trasparenza fl-ispiża pubblika; aċċess għall-informazzjoni, eċċ.[7] Madanakollu, il-liġi ma

---

1 Liġi Nru 190 tas-6 ta' Novembru 2012 dwar il-prevenzjoni u r-repressjoni tal-korruzzjoni u l-irregolaritajiet fl-amminstrazzjoni pubblika.

2 http://www.funzionepubblica.gov.it/media/1092881/p_n_a.pdf.

3 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf.

4 Ara hawn taħt fit-taqsima stħarriġ tal-opinjonijiet.

5 Għal aktar tagħrif, ara hawn taħt.

6 Liġi Nru 190 tas-6 ta' Novembru 2012 dwar il-prevenzjoni u r-repressjoni tal-korruzzjoni u l-irregolaritajiet fl-amminstrazzjoni pubblika.

7 Il-liġi tipprevedi, fost l-oħrajn, li l-awtorità nazzjonali kontra l-korruzzjoni responsabbli mill-politika kumplessivament (il-kompiti għandhom jitwettqu mill-*Commissione indipendente per la Valutazione, la Trasparenza e l'Integrità* - CIVIT), twessa' l-ambitu tar-reati ta' korruzzjoni, tikkriminalizza l-abbuż mill-influwenza permezz ta' dispożizzjoni ġdida li tkopri wkoll il-lat attiv tar-reat, tikkriminalizza l-korruzzjoni fis-settur privat, u żżid il-penali kriminali għal għadd ta' reati marbuta mal-korruzzjoni. Tipprevedi reati ġodda għall-korruzzjoni (bħall-"inċentivar eċċessiv biex jingħataw jew jitwiegħdu l-flus jew vantaġġi oħra" – *induzione indebita a dare o promettere utilità*), għall-ineleġibbiltà ta' dawk ikkundannati fl-aħħar istanza għal reati kontra l-amministrazzjoni pubblika, u għaż-żieda fir-responsabbiltà tal-pożizzjonijiet maniġerjali għall-prevenzjoni u t-trażżin ta' prattiċi korrotti. Tintroduċi obbligu fuq l-amministrazzjoni biex din tiżviluppa l-pjan ta' azzjoni tagħha kontra l-korruzzjoni, tintroduċi dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza msaħħa tal-infiq pubbliku, u tiffaċilita l-aċċess għall-

tindirizzax ċerti kwistjonijiet. Ma tintroduċix regoli ġodda dwar l-istatut tal-limitazzjonijiet jew kull dispożizzjoni ġdida tal-liġi kriminali dwar il-kontabbiltà falza u l-awtoriċiklaġġ. Mhumiex previsti reati għax-xiri tal-voti. Hija tkompli tifframmenta d-dispożizzjonijiet kriminali dwar it-tixħim u l-korruzzjoni, li jista' jwassal għal ambigwitajiet fil-prattika u possibilment aktar diskrezzjoni limitata għal prosekuzzjoni.[8] Barra minn dan, id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-korruzzjoni fis-settur privat u l-protezzjoni tal-informaturi għadhom mhumiex komprensivi, kif spjegat fid-dettall hawn taħt. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-Kunsill irrakkomanda li l-Italja ssaħħaħ il-qafas ġuridiku tagħha għat-trażżin tal-korruzzjoni, inkluż billi tirrevedi r-regoli li jirregolaw il-perjodi ta' limitazzjoni.[9]

**Qafas istituzzjonali.** L-ixpruni tal-Italja għall-miżuri kontra l-korruzzjoni kienu għal ħafna żmien limitati għall-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u, sa ċertu punt, il-Qorti tal-Awdituri. Dan kellu rwol attiv fl-implimentazzjoni tal-politiki kontra l-korruzzjoni, inkluż fir-rigward tal-liġi l-ġdida kontra l-korruzzjoni, u permezz tal-attività operattiva tagħha li tikkonsisti fil-kontroll effettiv flimkien ma' setgħa ta' prosekuzzjoni pjuttost unika għall-irkupru tad-danni għat-telf tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-Rapport dwar l-Integrità Nazzjonali ta' Transparency International tal-2011 ivvaluta li l-Qorti tal-Awdituri, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u s-servizzi elettorali għandhom prestazzjoni relattivament tajba kontra l-korruzzjoni.[10] Madanakollu, instab li l-kapaċità kumplessiva tal-amministrazzjoni pubblika, il-Parlament, il-Gvern, l-aġenziji kontra l-korruzzjoni, il-partiti politiċi, in-negozji, l-Ombudsman u l-midja biex jikkontrollaw il-korruzzjoni kienet pjuttost baxxa.[11]

***Stħarriġ tal-opinjonijiet***

**Stħarriġ tal-perċezzjonijiet** L-Ewrobarometru Speċjali dwar il-Korruzzjoni tal-2013[12] wera li 97 % tat-Taljani (it-tieni l-ogħla perċentaġġ fl-UE) jemmnu li l-korruzzjoni hija mifruxa sew f'pajjiżhom (il-medja tal-UE hija ta' 76 %), filwaqt li 42 % jgħidu li l-korruzzjoni taffettwahom personalment fil-ħajja ta' kuljum (il-medja tal-UE hija ta' 26 %). 88 % ta' dawk li wieġbu jemmnu li t-tixħim u li tkun taf lil xi ħadd huma spiss l-eħfef mod biex tikseb ċerti servizzi pubbliċi (il-medja tal-UE hija ta' 73 %). In-nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi tidher li hi mifruxa sew. Skont l-istess stħarriġ, l-uffiċċji u s-setturi pubbliċi li l-inqas jispiraw fiduċja huma: il-partiti politiċi; il-politiċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;[13] l-uffiċjali li jagħżlu l-offerti pubbliċi u dawk li joħorġu l-permessi għall-bini.

---

informazzjoni l-iżvelar tal-assi (jiġifieri l-iżvelar tad-dejta dwar il-ġid ta' uffiċjali inkarigati b'setgħat politiċi - uffiċjali eletti u persuni oħra b'setgħat tat-tfassil tal-politika fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali). Tintroduċi r-responsabbiltà materjali għad-dannu tar-reputazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, tipprevedi kodiċi ta' etika, tintroduċi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-informaturi u tirrinforza xi dispożizzjonijiet dwar il-kunflitti ta' interess u l-inkompatibbiltajiet (bħall-introduzzjoni ta' perjodi ta' preklużjoni) u proċedimenti dixxiplinarji.

8 Il-liġi l-ġdida tipprevedi reati iktar speċifiċi u dettaljati li jiġu mit-test ta' reat wieħed definit f'termini iktar ġenerali (pereżempju *il-każ ta' 'concussione' u r-reat il-ġdid ta' 'induzione indebita a dare o promettere utilità').*

9 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2013/C 217/11 tad-9 ta' Lulju 2013.

10 http://www.transparency.org/whatwedo/nisarticle/italy_2011.

11 Il-valutazzjoni kkonkludiet li s-Sistema ta' Integrità Nazzjonali tal-Italja mhix b'saħħitha biżżejjed, u fil-fatt il-korruzzjoni kapaċi teżisti kważi kullimkien, billi l-istituzzjonijiet tal-Istat għandhom awtonomija konsiderevoli li ma taqbilx mal-istandards tar-responsabbiltà u l-integrità.

12 Ewrobarometru Speċjali 397 tal-2013.

13 F'termini ta' varjazzjoni reġjonali, l-istudju dwar il-kwalità tal-governanza magħmul mill-Kummissjoni Ewropea, li analizza l-perspettiva reġjonali ta' kwistjonijiet marbuta mal-governanza u kien ippubblikat f'Diċembru 2010, sab li l-Italja kien wieħed mill-Istati Membri bl-ikbar differenzi fuq il-livell sottonazzjonali: jiġifieri għandha reġjuni li għandhom punteġġ tal-kwalità tal-governanza kemm ogħla sew kif ukoll iktar baxx sew mill-medja tal-UE. L-Indiċi Ewropew dwar il-Kwalità tal-

**Esperjenza tal-korruzzjoni.** F'dak li għandu x'jaqsam mal-esperjenza diretta tat-tixħim, l-Italja għandha punteġġ aħjar mill-medja tal-UE fl-Ewrobarometru Speċjali dwar il-Korruzzjoni tal-2013, bi 2 % biss li jgħidu li ntalbu jew kienu mistenni li jxaħħmu s-sena ta' qabel (il-medja tal-UE hija 4 %).

**Stħarriġ tan-negozji.** 92 % tan-negozjanti li wieġbu għall-istħarriġ tan-negozju tal-Ewrobarometru dwar il-korruzzjoni[14] tal-2013, jemmnu li l-favoritiżmu u l-korruzzjoni jxekklu l-kompetizzjoni tan-negozju fl-Italja (medja tal-UE: 73 %), filwaqt li 90 % jgħidu li t-tixħim u li tkun taf lin-nies ta' spiss huwa l-eħfef mod biex tikseb ċerti servizzi pubbliċi (medja tal-UE: 69 %) u 64 % jgħidu li l-uniku mod biex jirnexxu fin-negozju huwa li jkollhom kuntatti politiċi (medja tal-UE: 47 %). Skont l-Indiċi tal-Kompetittività Globali 2013-14, id-devjazzjoni ta' fondi pubbliċi minħabba l-korruzzjoni, il-favoritiżmu fid-deċiżjonijiet ta' uffiċjali tal-gvern u n-nuqqas ta' fiduċja pubblika fl-istandards etiċi tal-politiċi huma fost l-aktar oqsma problematiċi ta' governanza fl-Italja.[15]

*Kwistjonijiet ta' kuntest*

**Stima tal-impatt tal-korruzzjoni.** Il-Qorti tal-Awdituri Taljana nnutat li l-ispiża diretta totali tal-korruzzjoni twassal għal EUR 60 biljun fis-sena (ekwivalenti għal madwar 4 % tal-PDG). Fl-2012 u l-2013 il-President tal-Qorti tal-Awdituri tenna t-tħassib tiegħu dwar l-impatt tal-korruzzjoni fuq l-ekonomija nazzjonali.[16] Dan kellu impatt fuq l-ekonomija tal-pajjiż, li diġà qed ibati mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika. Rapport tal-2012 mill-kummissjoni *ad-hoc*[17] stabbilita biex tanalizza u tiżviluppa proposti dwar it-trasparenza u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, jgħid li, minbarra l-istimi tal-Qorti tal-Awdituri fuq l-ispiża diretta tal-korruzzjoni, hemm ukoll spejjeż ekonomiċi indiretti (pereżempju l-ispejjeż marbuta ma' dewmien amministrattiv, ħidma ħażina ta' uffiċċju pubbliku, l-ineffiċjenza jew ukoll in-nuqqas ta' użu tax-xogħlijiet jew is-servizzi pubbliċi li jkunu saru, telf tal-kompetittività, u tnaqqis fl-investimenti).[18] Għal xogħlijiet pubbliċi kbar, spejjeż indiretti bħal dawn kienu stmati għal madwar 40 % tal-ispejjeż tal-akkwist pubbliku. Studji dwar l-iżvilupp tal-ekonomija s-sewda stmaw li din laħqet il-21,5 % tal-PDG tal-Italja fl-2012.[19]

**Żvelar ta' informazzjoni protetta.** Il-liġi kontra l-korruzzjoni introduċiet għall-ewwel darba dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-informaturi għar-rappurtar tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku. Id-dispożizzjonijiet huma applikabbli biex jirregolaw lill-impjegati li jirrapportaw imġiba ħażina bil-kundizzjoni li dawn ma jagħmlux libell jew jimmalafamaw jew jaffettwaw il-privatezza ta' xi ħadd. L-informazzjoni tista' tingħad mill-impjegat lis-superjur tiegħu, lill-Awtorità Ġudizzjarja jew lill-Qorti tal-Awdituri biss. L-identità tal-informaturi ma tistax tiġi żvelata mingħajr il-kunsens tagħhom. Madanakollu dawn id-dispożizzjonijiet huma pjuttost ġeneriċi u mhux komprensivi billi ma jikkunsidrawx l-aspetti kollha tar-rappurtar jew it-tipi kollha ta' protezzjoni li għandhom jingħataw skont iċ-ċirkostanzi. Barra minn dan, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fis-settur privat jibqa' mhux regolat. Hemm bżonn li jittieħdu miżuri

Governanza tal-2013, li kkunsidra għadd ikbar ta' pajjiżi, reġjuni u persuni Ewropej, ikkonferma dawn is-sejbiet: http://nicholascharron.wordpress.com/european-quality-of-government-index-eqi/

14 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.

15 http://www3.weforum.org/docs/WEF_GlobalCompetitivenessReport_2013-14.pdf.

16 http://www.corteconti.it/procura/giudizio_parificazione/parifica_2011/.

17 Il-Kummissjoni twaqqfet mill-Gvern u l-membri tagħha huma fil-livell ta' maġistrati u akkademiċi.

18 http://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_6_1_1.wp?contentId=NOL783861.

19 http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/themes/06_shadow_economy.pdf.

addizzjonali, inkluż iċ-ċarezza dwar il-kanali ta' rappurtaġġ il-mekkaniżmi ta' protezzjoni, u t-tqajjim ta' kuxjenza.

**It-trasparenza tal-lobbying.** Il-lobbying mhux irregolat fl-Italja. Ma hemm l-ebda obbligu li l-lobbyists iridu jiġu rreġistrati jew li l-kuntatti bejn l-uffiċjali pubbliċi u l-lobbyists iridu jiġu rappurtati.

**Il-mezzi ta' komunikazzjoni.** Għalkemm il-kapaċità tal-mezzi stampati li jirrapportaw il-korruzzjoni hija pjuttost għolja,[20] l-indipendenza u s-sjieda, prinċipalment tal-mezzi elettroniċi, affaċċjat sfidi kbar tul iż-żmien, l-iktar minħabba kważi monopolju li ilu tul ta' żmien.[21] Dan l-aħħar, il-kompetizzjoni tas-suq f'dan il-qasam tjiebet xi ftit. L-Italja għandha punteġġ baxx fl-indiċi tal-Libertà tal-Istampa ta' Freedom House tal-2013, li jpoġġiha fil-kategoriji tal-pajjiżi fejn l-istampa hija valutata bħala "parzjalment libera".[22]

## 2. KWISTJONIJIET FIL-MIRA

### *Korruzzjoni ta' livell għoli u rabiet mal-kriminalità organizzata*

Il-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni hija fundamentali għall-kredibbiltà ta' qafas effettiv u dissważiv kontra l-korruzzjoni. Il-perċezzjoni pubblika tindika xi tħassib dwar l-effett disswaviż tas-sanzjonijiet applikati f'dan il-qasam. Kif rifless fl-Ewrobarometru Speċjali dwar il-Korruzzjoni tal-2013,[23] 27 % biss ta' min wieġeb jemmen li ssir biżżejjed prosekuzzjoni b'suċċess biex tiskoraġġixxi lin-nies milli jxaħħmu jew jixxaħħmu.

Ir-rapporti maħruġa mill-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO) u l-OECD juru li jeżisti qafas leġiżlattiv kriminali kumplessiv. Madanakollu, hemm għadd ta' nuqqasijiet li jikkontribwixxu għall-perċezzjoni ta' klima ta' kważi impunità u jaġixxu bħala ostakli għall-prosekuzzjonijiet b'suċċess u l-kompletar tal-proċedimenti fil-qorti.[24]

Ir-relazzjoni bejn il-politikanti, il-kriminalità organizzata u n-negozji, il-grad ta' integrità tal-uffiċjali eletti u maħtura, huma tal-ikbar tħassib fl-Italja bħalissa, kif rifless mill-għadd ta' investigazzjonijiet u każijiet ta' korruzzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll reġjonali. Studju mwettaq mis-Center for the Study of Democracy fl-2010 jargumenta li l-każ tal-Italja huwa wieħed mill-iktar każi li juri biċ-ċar kemm il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni huma marbutin mill-qrib.[25] Skont l-istudju, hija prinċipalment il-korruzzjoni fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u politiċi li jattiraw il-gruppi ta' kriminalità organizzata, u mhux il-kriminalità organizzata li hija l-kawża prinċipali tal-korruzzjoni. Skont il-prosekuturi Taljani, ir-rabtiet bejn il-mezzi tax-xandir u l-korruzzjoni għadha tidher sew, inkluż f'reġjuni barra mit-territorju tal-gruppi ta' kriminalità organizzata.

---

20 Fir-Rapport Globali dwar l-Integrità tal-2010, il-kapaċità li l-mezzi tax-xandir jirrappurtaw il-korruzzjoni kellha punteġġ ta' 89 fuq massimu ta' 100: https://www.globalintegrity.org/global/the-global-integrity-report-2010/italy/.

21 Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ħadet deċiżjoni kontra l-Italja fil-każ Centro Europe 7 srl u Di Stefano v. Italy fejn sabet ksur tal-Artikolu 10 tal-QEDB (liberta' tal-kelma) minħabba leġiżlazzjoni tax-xandir li ma kinitx tiffavorixxi l-kompetizzjoni: http://hudoc.echr.coe.int/sites/eng/pages/search.aspx?i=001-111399#{"itemid":["001-111399"]}.

22 http://www.freedomhouse.org/report-types/freedom-press.

23 Ewrobarometru Speċjali 397 tal-2013.

24 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3(2011)7_Italy_One_EN.pdf. http://www.oecd.org/daf/anti-bribery/anti-briberyconvention/Italyphase3reportEN.pdf.

25 Examining the links between corruption and organised crime. Center for the Study of Democracy, 2010. http://ec.europa.eu/home-affairs/doc_centre/crime/docs/study_on_links_between_organised_crime_and_corruption_en.pdf.

F'dawn l-aħħar snin, inġibdet l-attenzjoni pubblika għal għadd ta' investigazzjonijiet f'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u finanzjament illegali elettorali u tal-partiti li involvew politikanti prominenti u uffiċjali eletti fil-livell reġjonali. Dan wassal għal sensiela ta' riżenji, li f'każ minnhom kellha ssir elezzjoni reġjonali bikrija, u każ ieħor wassal għal deċiżjonijiet tal-gvern biex ixolji xi kunsill muniċipali minħabba allegat rabtiet ma' gruppi mafjużi. Fl-2012 biss, ġew irrappurtati investigazzjonijiet kriminali u arrest preventiv ta' għadd ta' politikanti reġjonali fi kważi nofs l-20 reġjun Taljan. Mill-201 kunsill muniċipali xolti mill-Italja bl-applikazzjoni tal-Liġi 221/1991,[26] 28 ġew xolti mill-2010 (il-maġġoranza fin-Nofsinhar tal-Italja iżda wħud fit-Tramuntana wkoll) minħabba allegazzjonijiet ta' rabtiet mal-kriminalità organizzata. Kien hemm xi sitwazzjonijiet fejn xi wħud mill-kapi tal-akkuża f'każijiet bħal dawn ġew preskritti qabel mal-qorti kkonkludiethom.

Sensiela ta' każijiet ta' korruzzjoni f'dawn l-aħħar snin wasslu għar-riżenja ta' kapijiet u uffiċjali b'kariga għolja ta' partiti. F'ħafna minn dawn il-każi l-allegazzjonijiet kienu dwar l-użu ħażin tal-finanzi tal-partit. Iktar minn 30 Membru Parlamentari tal-Parlament ta' qabel dan, kienu jew qed jiġu investigati għal reati marbuta mal-korruzzjoni jew il-finanzjament illegali tal-partiti. Uħud għadhom qed jiġu investigati jew għaddejjin il-proċedimenti tal-qorti, oħrajn ġew ikkundannati fl-ewwel istanza. Għal xi wħud, il-każijiet twarrbu minħabba li kienu preskritti jew ir-reati ġew dekriminalizzati. Għal xi wħud, l-istatut tal-limitazzjonijiet daħal qabel il-każijiet ġew aġġudikati minn qorti b'deċiżjoni finali. Każ li għandu jissemma' huwa dwar MP investigat għal rabtiet mal-Camorra - il-grupp kriminali ta' Casalesi - b'rabta mal-finanzjament tal-kampanja elettorali tiegħu bi skambju għall-influwenza politika tiegħu fil-livell nazzjonali, notament fil-qasam tar-riċiklaġġ tal-iskart tossiku. L-arrest preventiv tal-MP kien miċħud darbtejn fil-Parlament Taljan (jiġifieri dan irrifjuta li jneħħi l-immunità). Matul il-kampanja elettorali parlamentari tal-bidu tal-2013, saret petizzjoni li ġabret iktar minn 150 000 firma miċ-ċittadini u 878 firma minn kandidati elettorali li impenjaw ruħhom li jagħmlu l-liġi l-ġdida kontra l-korruzzjoni iktar effettiva.[27]

It-twaqqif ta' qafas ġuridiku li jiżgura l-ipproċessar u l-kompletar effettiv tal-proċedimenti fil-qorti f'każijiet kumplessi kien imxekkel f'ħafna okkażjonijiet. F'għadd ta' okkażjonijiet il-Parlament għadda jew ipprova jgħaddi liġijiet *ad personam* li jiffavorixxu politikanti li kienu wkoll imputati fi proċedimenti kriminali, inkluż għal reati ta' korruzzjoni. Eżempju huwa l-abbozz ta' liġi dwar "perjodu ta' preskrizzjoni qasir" (*prescrizione breve*) li kien iżid ir-riskju li jitwarrbu każijiet li jinvolvu imputati li ma kellhom ebda kundanna preċedenti.[28] Każ ieħor kien il-liġi li tippermetti s-sospenzjoni tal-proċedimenti kriminali sakemm tispiċċa l-kariga għal reati li saru qabel jew waqt il-kariga minn ċertu kategorija ta' uffiċjali ta' livell għoli.[29] Iktar tard instab li din il-liġi tmur kontra l-kostituzzjoni.[30] Liġi oħra adottata fl-2010 tat il-possibbiltà lill-membri tal-Kunsill tal-Ministri li jinvokaw "impediment leġittimu" biex ma jmorrux għas-smigħ tal-qorti fi proċedimenti kriminali.[31] Dawn id-dispożizzjonijiet ġew iddikjarati li jmorru kontra l-kostituzzjoni.[32] Id-dekriminalizzazzjoni ta' ċerti reati, bħal ċerti forom ta' kontabbiltà falza fl-2002,[33] tista' tissemma' wkoll f'dan il-kuntest.

Ittieħed pass pożittiv bil-liġi l-ġdida kontra l-korruzzjoni, u d-digriet leġiżlattiv adottat iktar tard mill-Gvern fl-aħħar tal-2012 dwar l-ineliġibbiltà għal kariga pubblika kemm fil-livell ċentrali kif

26 Minn dawn 75 seħħew fir-reġjun ta' Campania, 49 fi Sqallija u 34 fil-Kalabrija.
27 Riparte Il Futuro: http://www.riparteilfuturo.it/petizione/.
28 Liġi Eks-Cirielli: http://leg16.camera.it/561?appro=715&Il+c.d.+%22processo+breve%22+%28A.C.+3137%29.
29 Liġi Nru 128 tal-2008: http://leg16.camera.it/561?appro=677.
30 Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali 262/2009: http://www.cortecostituzionale.it/actionPronuncia.do;jsessionid=5F85228828EDDCABC6A33FB0A18C7FD2.
31 Liġi Nru 51 tas-7 ta' April 2010, dwar Regoli dwar l-impediment leġittimu (Legittimo Impedimento):
32 Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali 23/2011: temiap/temi16/corte%20costituzionale%2023%202011.pdf.
33 Digriet leġiżlattiv 61/2002: http://www.parlamento.it/parlam/leggi/deleghe/02061dl.htm.

ukoll fil-livell reġjonali, ta' dawk li ġew ikkundannati b'deċiżjoni finali tal-qorti għal reati ta' korruzzjoni jew reati oħra kontra l-amministrazzjoni pubblika.[34] Skont id-digriet, il-perjodu ta' ineliġibbiltà huwa d-doppju ta' piena korrispondenti u f'kull każ mhux inqas minn sitt snin. Kien adottat digriet leġiżlattiv ieħor fil-bidu tal-2013 dwar il-projbizzjoni (temporanja jew permanenti, skont it-tip ta' piena applikata) milli wieħed ikollu kariga pubblika għal min hu kkundannat permezz ta' deċiżjoni tal-qorti finali jew mhix, għal reati kontra l-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-korruzzjoni.[35] Id-dispożizzjonijiet ta' ineliġibbiltà li ġew mil-liġi kontra l-korruzzjoni kienu infurzata f'każ li wassal għall-esklużjoni mis-Senat ta' eks Prim Minstru u MP ikkundannat għal evażjoni tat-taxxa. Barra min dan, il-President ta' provinċja kien sospiż mill-kariga minħabba l-istess dispożizzjonijiet wara kundanna ta' abbuż mill-kariga tiegħu. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi fir-rigward tat-tmiem tal-mandat ta' MP minħabba kundanna finali kellha bżonn vot mill-kamra tal-Parlament li minnu kien parti l-MP, fir-rigward tat-tmiem tal-kariga tal-MP minħabba kundanna finali.

Minbarra d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, ma hemm l-ebda kodiċi ta' etika applikabbli għall-uffiċjali eletti fil-livell ċentrali jew reġjonali. Ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta' verifika speċifiku fir-rigward tal-kunflitti ta' interess. Kodiċi ta' kondotta għall-uffiċċjali eletti, flimkien ma' dispożizzjonijiet regolatorji dwar sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ksur ta' regoli etiċi, isaħħu l-istandards ta' integrità u responsabbiltà u jiżguraw firxa usa' ta' sanzjonijiet mhux kriminali ta' imġiba mhux etika li mhix ta' detriment għall-interess pubbliku. Jiżguraw ukoll implimentazzjoni iktar effettiva tar-regoli dwar l-integrità permezz ta' soluzzjonijiet awtoregolatorji minħabba l-partikularitajiet tas-sanzjonijet mhux kriminali applikabbli għal uffiċjali eletti meta mqabbla ma' kategoriji oħra ta' uffiċjali pubbliċi (uffiċjali maħtura, impjegati maċ-ċivil, eċċ.).

### *Finanzjament tal-partiti politiċi*

Il-finanzjament tal-partiti politiċi fl-Italja bħalissa jistrieħ fuq sorsi kemm pubbliċi (li bħalissa jistgħu ikunu sa 80 % tar-riżorsi tal-partit) kif ukoll privati. F'Marzu 2012, il-GRECO identifika "nuqqasijiet kritiċi" fil-qafas ġuridiku dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi fl-Italja, kif ukoll nuqqasijiet fil-prattika.[36] Huwa kkonkluda li n-nuqqasjiet attwali jħallu lok għal abbuż u għalhekk m'hemmx biżżejjed garanziji stabbiliti għall-identifikazzjoni effettiva u l-iżvelar potenzjali ta' influwenza mhux xierqa fuq il-finanzjament tal-partiti. Il-kontroll eżerċitat mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-finanzjament politiċi nstab li huwa frammentat u formalistiku, u eżerċitat minn tliet istituzzjonijiet differenti b'setgħat limitati u bl-ebda koordinazzjoni bejniethom jew mal-korpi ta' infurzar tal-liġi. Għalhekk, il-Bord tal-Awdituri fil-Parlament jiċċekkja r-rapporti finanzjarji annwali tal-partiti politiċi, il-Bord tal-Kontrolluri tal-Qorti tal-Awdituri huwa responsabbli mill-verifika tan-nefqa elettorali tal-partiti politiċi, filwaqt li l-Bord Elettorali Reġjonali jiċċekkja l-infiq elettorali tal-kandidati.

Il-GRECO ħeġġeġ lill-partiti politiċi biex jiżviluppaw is-sistemi ta' kontroll intern tagħhom u biex jissoġġettaw il-kontijiet tagħhom għal awditu indipendenti. Il-partiti politiċi mhumiex meħtieġa li jippreparaw rapporti finanzjarji f'forma kkonsolidata. Attwalment ir-rapporti finanzjarji ppreżentati mill-partiti politiċi ma jipprovdux ħarsa ġenerali sħiħa tal-attivitajiet finanzjarji tagħhom. Il-GRECO rrakkomanda wkoll aktar trasparenza fil-finanzi politiċi billi jitbaxxa

34 Digriet leġiżlattiv 235 tal-31 ta' Diċembru 2012: http://www.gazzettaufficiale.it/atto/serie_generale/caricaDettaglioAtto/originario?atto.dataPubblicazioneGazzetta=2013-01-04&atto.codiceRedazionale=13G00006.

35 Diġriet leġżilattiv 39 tat-8 ta' April 2013: http://www.gazzettaufficiale.it/atto/serie_generale/caricaDettaglioAtto/originario?atto.dataPubblicazioneGazzetta=2013-04-19&atto.codiceRedazionale=13G00081&elenco30giorni=false.

36 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3(2011)7_Italy_Two_EN.pdf.

sostanzjalment il-limiti għall-kandidati individwali u l-partiti politiċi fejn l-identità tad-donatur jibqa' mhux magħruf għall-pubbliku. Bl-istess mod, kienet rakkomandata projbizzjoni fuq id-donazzjonijiet[37].

Is-sanzjonijiet ipprovduti mil-leġiżlazzjoni attwali jikkonsistu f'multi u f'sospensjoni ta' rimborżi elettorali. Hemm ukoll reat kriminali tal-finanzjament illegali tal-partiti. Il-GRECO nnota fir-rapport tiegħu tal-2012 li dan ir-reġim ta' sanzjonar għall-vjolazzjonijiet ta' regoli dwar l-iffinanzjar jidher li mhux deterrent biżżejjed u rrakkomanda r-reviżjoni tas-sanzjonijiet kriminali u amministrattivi eżistenti relatati mal-ksur tar-regoli tal-finanzjamenti politiċi sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.[38]

F'Diċembru 2013, il-gvern adotta digriet leġiżlattiv għall-abolizzjoni gradwali fuq tliet snin tal-finanzjament pubbliku[39], b'sostituzzjoni b'kontributi individwali miċ-ċittadini li jistgħu aktar tard jiġu mnaqqsa mit-taxxi tagħhom.[40] Id-digriet leġiżlattiv jinkludi xi linji gwida dwar id-definizzjoni ta' proċeduri stretti rigward l-istatuti tat-trasparenza u l-baġits ta' partijiet. Madankollu dan ma jindirizzax xi tħassib imqajjem mill-GRECO fir-rigward tar-rigorożità tal-mekkaniżmi interni ta' kontroll, il-livell tal-limiti tad-donazzjonijiet privati jew id-dissważività tas-sanzjonijiet applikabbli. Aktar reċentement, il-Qorti tal-Awdituri kienet mogħtija s-setgħa li tikkontrolla l-finanzjament tal-gruppi politiċi reġjonali.

### *Statut tal-limitazzjonijiet*

Il-kwistjoni tal-istatut tal-limitazzjonijiet ilha ta' tħassib serju fir-rigward tal-qafas ġenerali għall-investigazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni fl-Italja. Il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli skont il-liġi Taljana, flimkien ma' proċeduri fit-tul fil-qrati, ir-regoli u l-metodi ta' kalkolu applikabbli għall-istatut tal-limitazzjonijiet, in-nuqqas ta' flessibbiltà rigward ir-raġunijiet għas-sospensjoni u l-interruzzjoni u l-eżistenza ta' preskrizzjoni assoluta li ma tistax tkun interrotta jew sospiża wasslu u se jkomplu jwasslu biex jitwarrbu għadd konsiderevoli ta' każijiet.[41] Ir-reviżjoni tar-regoli eżistenti dwar il-preskrizzjoni tqajmet minn rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati mill-Kunsill lill-Italja f'Lulju 2013, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, bħala forza importanti biex jissaħħaħ il-qafas ġuridiku għar-repressjoni tal-Korruzzjoni.

Skont studju tal-2010 ta' Trasparency International dwar l-impatt tal-istatuti tal-limitazzjonijiet fuq il-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni fl-UE, madwar wieħed minn kull għaxar proċeduri f'każi ta' korruzzjoni kienu ngħalqu matul il-perjodu eżaminat (jiġifieri bejn l-2005 u l-2010) minħabba li jkun skada t-termini ta' preskrizzjoni.[42] Is-sitwazzjoni ma tidhirx li tjiebet maż-żmien, minkejja t-tħassib espress ripetutament mill-GRECO[43] u l-OECD,[44] mill-2009 sal-2013. Skont studju

37 Bħalissa qiegħda EUR 50 000;

38 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3(2011)7_Italy_Two_EN.pdf.

39 jiġifieri tnaqqis ta' 60 % fl-ewwel sena wara li tkun għaddiet il-liġi, 50 % fit-tieni sena, 40 % fis-sena ta' wara u fl-aħħar abolizzjoni totali.

40 http://www.governo.it/Governo/ConsiglioMinistri/dettaglio.asp?d=71338.

41 Dan jinkludi każ ta' eks Prim Ministru li kien twarrab għax preskritt skont il-liġi fi Frar 2012. Il-każ kien jikkonċerna allegazzjoni ta' korruzzjoni fi proċedimenti ġudizzjarji kontra l-eks Prim Ministru li allegatament ħallas USD 600 000 mhux mistħoqqa lil avukat barrani bi skambju għax-xhieda tiegħu f'għadd ta' kawżi preċedenti kontra l-istess konvenut. Il-proċedimenti tal-qorti damu ħames snin u b'hekk daħal l-istatut tal-limitazzjonijiet. Konvenuti oħrajn involuti fl-istess reat (jiġifieri fil-lat attiv ta' att ta' korruzzjoni) ġew ikkundannati fl-ewwel istanza (ikkonfermati fl-appell). Madankollu, anki għal dawn tal-aħħar laħqu l-preskrizzjoni mat-tieni appell. Aktar reċentement, ġew preskritti wkoll xi akkużi ta' korruzzjoni kontra Viċi President ta' kunsill reġjonali f'każ fuq skala kbira.

42 Timed Out: Statutes of Limitations and Prosecuting Corruption in EU countries.

43 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Italy_EN.pdf.
http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round3/GrecoEval3(2011)7_Italy_One_EN.pdf;
http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf.

minnhom[45], madwar 11,14 % tal-każijiet kriminali fl-Italja kienu preskritti matul il-proċedimenti tal-qorti fl-2007 u 10,16 % fl-2008. Il-medja għall-Istati Membri l-oħra msemmija fl-istudju fl-istess perjodu ta' referenza huwa bejn 0.1 u 2 %. Id-dejta tal-OECD turi li, mill-2011, ġew preskritti 30 minn 47 każ ta' tixħim barranin (jiġifieri aktar minn 62 %).

Għall-biċċa l-kbira tar-reati marbuta mal-korruzzjoni "klassika"[46] it-terminu ta' preskrizzjoni relattiv[47] kien ta' madwar 6 snin[48], qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida kontra l-korruzzjoni, filwaqt li t-terminu assolut ta' preskrizzjoni kien ta' 7.5 snin[49]. Riforma tar-regoli tal-istatut tal-limitazzjonijiet fl-2005 biddlet ir-regoli tal-kalkolu biss biex tagħmel distinzjoni mill-estensjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni skont ir-rekord kriminali tal-konvenut.[50] Ċirkustanzi aggravati għal min iwettaq il-ksur għall-ewwel darba ma jwasslux għal termini ta' preskrizzjoni ogħla. Impediment notevoli u aktar fundamentali tar-regoli attwali jirriżulta mill-fatt li l-istatut tal-limitazzjonijiet jibqa' għaddej wara d-deċiżjoni mill-qorti tal-ewwel istanza (jiġifieri sakemm is-sentenza tal-qorti ssir finali). Fuq sfond ta' proċeduri pjuttost fit-tul, dan wassal għal sitwazzjonijiet fejn każijiet ġew mwarrba peress li preskritti anke wara l-kundanna fl-ewwel istanza.

Il-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012 madankollu ma biddlitx ir-regoli tal-preskrizzjoni. Il-liġi l-ġdida żżid il-multa massima għal xi reati, li twassal għal estensjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni, peress li dawn huma interkonnessi. Madankollu, għal xi reati ġodda oħrajn, bħal 'l hekk imsejjaħ *'concussione per induzione'* (jew *'induzione indebita a dare o promettere utilità)*[51] li huwa kkunsidrat mill-prattikanti li jseħħ aktar ta' spiss mill-' *concussione'* klassika, il-penali huma aktar baxxi, li jwassal għal perjodu ta' preskrizzjoni iqsar[52]. Ta' min iqis ukoll il-fatt li l-liġi kriminali l-aktar favorevoli tapplika għall-proċedimenti li għaddejjin bħalissa, jiġifieri dawk li jiżguraw perjodu ta' preskrizzjoni iqsar għall-konvenut.

Il-Ministeru tal-Ġustizzja waqqaf grupp ta' ħidma (kummissjoni *ad hoc*) biex tistudja l-kwistjoni tal-istatut tal-limitazzjonijiet u l-alternattivi disponibbli għal riforma f'dan il-qasam.[53] Il-Kummissjoni analizzat l-impatt tal-istatut tal-limitazzjonijiet fuq każijiet mill-2005 sal-2010 u ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi tagħha f'April 2013. L-analiżi kopriet is-servizzi ta' prosekuzzjoni l-aktar rappreżentattivi fl-Italja u wriet tnaqqis żgħir (inqas minn 3 %) fir-rata ta' każijiet ta' korruzzjoni preskritti. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni *ad hoc*, dan jirrappreżenta rata normali, ġustifikati parzjalment mis-sistema tal-prinċipju tal-legalità (jiġifieri prosekuzzjoni obbligatorja). Il-GRECO enfasizza li hija t-taħlita tal-metodu ta' kalkolu tat-termini ta' preskrizzjoni u fatturi oħra (bħad-dewmien, il-piż żejjed fuq il-proċedimenti kriminali, u l-kumplessità tal-każijiet ta' korruzzjoni) li jżid ir-riskju li l-każijiet ta' korruzzjoni jkunu preskritti. Huwa enfasizza li ż-żieda fil-livell tas-sanzjonijiet għal ċerti reati ta' korruzzjoni ma jistax fih

44 http://www.oecd.org/daf/briberyininternationalbusiness/anti-briberyconvention/49377261.pdf.

45 http://www.transparency.it/upload_doc/SOL.pdf.

46 Tixħim, abbuż mill-influwenza.

47 L-hekk imsejjaħ terminu ta' preskrizzjoni "relattiv" jista' jiġi sospiż jew interrott, filwaqt li dak "assolut" huwa itwal, iżda ma jistax jiġi sospiż jew interrott.

48 Aktar għal xi reati, bħall-*concussione*— każ aggravat tat-tixħim passiv fejn l-uffiċjal pubbliku jinforza/jimponi/jipproduċi l-att ta' tixħim fuq min ixaħħam, ħasil tal-flus, korruzzjoni fi ħdan il-ġudikatura — 12 sa 20 snin għal forom aggravati.

49 Aktar għal xi reati, bħall-*concussione*, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni fi ħdan il-ġudikatura — 15 sa 25 snin f'forom aggravati.

50 Liġi eks-Cirielli nru 251 tal-5 ta' Diċembru 2005.

51 Forma ta' tixħim attiv fejn l-uffiċjal pubbliku, li jabbuża mill-grad jew is-setgħat tiegħu, jiddeċiedi li xi ħadd jagħti jew iwiegħed vantaġġ mhux dovut (materjali jew mhux) għall-uffiċjal jew għal terzi persuni.

52 Pereżempju, fir-rigward tal-*concussione per induzione*, il-penali huma minn 3 sa 8 sena, minflok minn 4 sa 12 snin u għalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni jinżel minn 15 għal 10 snin.

53 http://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_1_12_1.wp?previsiousPage=mg_1_12&contentId=SPS914317.

innifsu jindirizza b'mod adegwat it-tħassib u sejjaħ għall-adozzjoni ta' pjan bi żmien speċifikat u għal għażliet ta' politika disponibbli biex jindirizzaw din il-problema.[54]

***Il-kapaċità li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi l-ġdida kontra l-korruzzjoni.***

Il-gvern adotta għadd ta' digrieti ta' implimentazzjoni dwar l-adozzjoni tal-liġi kontra l-korruzzjoni fl-2012. L-ewwel digriet leġiżlattiv fl-aħħar tal-2012 kien jirrigwarda l-ineliġibbiltà għal uffiċċju pubbliku ta' uffiċjali pubbliċi li nstabu ħatja b'deċiżjonijiet finali għal ċerti reati kontra l-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-korruzzjoni.[55] Żewġ digrieti oħra ġew adottati f'Marzu u April 2013. Wieħed jirrigwarda l-projbizzjoni minn ċerti uffiċċji pubbliċi fil-każ ta' kundanni (mhux finali jew finali) għal reati kontra l-amministrazzjoni pubblika, inkluża l-korruzzjoni, u l-inkompatibilità u l-projbizzjonijiet għal detenturi ta' kariga pubblika milli jmorru jaħdmu mas-settur privat.[56] Id-digriet l-ieħor jikkonċerna t-trasparenza u t-tixrid ta' informazzjoni mill-amministrazzjoni pubblika.[57] Fl-2013, il-gvern approva kodiċi ta' etika għall-amministrazzjoni pubblika kif tfassal mid-Dipartiment għall-amministrazzjoni pubblika.[58] Xi oqsma oħra koperti mill-liġi tal-2012, bħalma huma l-approċċ ikkoordinat għal mekkaniżmi ta' kontroll, għad iridu jiġu kkunsidrati.

Il-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012 innominat lill-*Commissione indipendente per la Valutazione, la Trasparenza e l'Integrità* (CIVIT) bħala l-awtorità nazzjonali kontra l-korruzzjoni għall-Italja, inkarigata mill-kordinazzjoni tal-politiki ta' prevenzjoni kontra l-korruzzjoni fil-pajjiż kollu. Madanakollu, il-CIVIT tidher li ma għandhiex il-kapaċità meħtieġa sabiex effettivament twettaq rwol bħal dan. Din tikkonsisti minn tliet Membri biss u madwar 30 persunal ta' appoġġ, dan tal-aħħar suġġett għal tibdil frekwenti. Il-CIVIT innifisha tara r-rwol tagħha f'mod pjuttost limitat, aktar f'funzjoni reattivi minflok proattivi, b'enfasi fuq it-trasparenza, funzjonijiet konsultattivi u ta' verifika formali ta' dokumenti strateġiċi mħejjija mill-amministrazzjonijiet. Il-kompiti investigattivi u ta' spezzjoni msemmija fil-liġi kontra l-korruzzjoni jidhru li għandhom prijorità baxxa. Is-setgħat ta' sanzjonar tal-CIVIT huma kważi ineżistenti, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-livelli reġjonali u lokali.

Il-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012 tipprovdi għall-adozzjoni ta' pjan nazzjonali kontra l-korruzzjoni ta' tliet snin, u pjanijiet ta' azzjoni għall-integrità (b'enfasi fuq il-prevenzjoni) għall-korpi amministrattivi kollha. Il-pjanijiet ta' azzjoni għall-integrità għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet tar-riskju. Il-kmamar tal-kummerċ fil-livell reġjonali wkoll qed jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni pluriennali għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Għadd kbir ta' kmamar diġà ħejjew pjanijiet ta' azzjoni bħal dawn.[59]

54 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf.

55 Digriet Leġiżlattiv, 31 ta' Diċembru 2012, nru 235: Testo unico delle disposizioni in materia di incandidabilita' e di divieto di ricoprire cariche elettive e di Governo conseguenti a sentenze definitive di condanna per delitti non colposi, a norma dell'articolo 1, comma 63, della legge 6 novembre 2012, n. 190.

56 Digriet Leġiżlattiv 8 ta' April 2013, nru 39: Disposizioni in materia di inconferibilita' e incompatibilita' di incarichi presso le pubbliche amministrazioni e presso gli enti privati in controllo pubblico, a norma dell'articolo 1, commi 49 e 50, della legge 6 novembre 2012, n. 190.

57 Digriet Leġiżlattiv 14 ta' Marzu 2013, nru 33:Riordino della disciplina riguardante gli obblighi di pubblicita', trasparenza e diffusione di informazioni da parte delle pubbliche amministrazioni.

58 Kodiċi ta' kondotta approvat fl-4 ta' Ġunju 2013 permezz tad-Digriet tal-President tar-Repubblika 62/2013 li jissostitwixxi fl-intier tiegħu il-Kodiċi ta' Kondotta li jinsab f'digriet ministerjali tad-dipartiment ta' funzjoni pubblika approvata fit-28 ta' Novembru 2000.

59 http://www.unioncamere.gov.it/P42A0C1570S1064/Piani-di-prevenzione-della-corruzione.htm.

F'Lulju 2013, il-CIVIT adottat sett ta' linji gwida biex jiġi aġġornat il-programm ta' tliet snin għat-trasparenza u l-integrità għall-2014-16.[60] F'Settembru 2013, il-CIVIT approvat il-pjan nazzjonali ta' tliet snin kontra l-korruzzjoni ippreparat mid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika.[61] Il-Pjan ta' Azzjoni jistabbilixxi linji ġenerali għall-implimentazzjoni tal-liġi kontra l-korruzzjoni mill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Bosta amministrazzjonijiet (fosthom dawk lokali) diġà ppreżentaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom lill-CIVIT; aktar minn 100 pjan għall-integrità tħejjew fl-2011 u l-2012.[62]

Kull korp amministrattiv irid jaħtar uffiċjal li għandu jkun responsabbli mill-kwistjonijiet ta' integrità li r-responsabbiltà tiegħu f'każ ta' nuqqasijiet tiġi attivata kemm mill-aspett dixxiplinari u kif ukoll maniġerjali. Il-maġġoranza l-kbira ta' dawn il-ħatriet kienu diġà saru fl-2013.

Filwaqt li l-ambizzjoni tal-approċċ il-ġdid relatat mal-integrità politiki fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika huwa tajjeb, huwa daqstant importanti biex jitnaqqas ir-riskju li dan l-eżerċizzju fuq skala kbira ma jsirx biss proċess formali li jiffoka iktar fuq dokumenti programmatiċi u kuntesti istituzzjonali aktar milli jkun immirat fuq azzjonijiet immedjati biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet. Mhuwiex ċar jekk l-amministrazzjonijiet kollha għandhom il-kapaċità meħtieġa biex jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni rilevanti u jiżguraw l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tagħhom. Dan huwa ta' tħassib partikolari fir-rigward tal-amministrazzjonijiet lokali.

Fl-2012, il-Kummissjoni *ad hoc* responsabbli li tħejji proposti dwar it-trasparenza u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika vvalutat li waħda mill-ikbar żoni ta' riskju ta' korruzzjoni tikkonċerna l-gvernijiet lokali. Fost ir-riskji enfasizzati: ir-relazzjonijiet bejn l-amministrazzjoni u l-politika (speċjalment rigward deċiżjonijiet dwar l-ippjanar urban), u bejn l-amministrazzjoni u s-settur privat (pereżempju użu akbar tal-esternalizzazzjoni u ta' proċeduri nnegozjati b'konsegwenza tal-kriżi ekonomika), u n-nuqqas ta' ċarezza fit-tqassim tas-setgħat f'diversi livelli ta' governanza. Il-kummissjoni *ad hoc* ipproponiet sensiela ta' miżuri biex dawn ir-riskji jiġu indirizzati, inkluż: delimitazzjoni ċara tal-kompetenzi bejn il-kunsilli reġjonali u l-korpi amministrattivi; aktar trasparenza u dixxiplina fl-implimentazzjoni ta' proċeduri amministrattivi; mekkaniżmi ta' kontroll intern imsaħħa u prijorità ta' oqsma b'riskju ogħla bħalma huwa l-ippjanar urban.[63]

## *Kunflitti ta' interess u żvelar tal-assi*

Il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-amministrazzjoni pubblika[64] u l-liġi kontra l-Korruzzjoni tal-2012 jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddefinixxu l-ambitu ta' applikazzjoni wiesa' tal-kunflitti ta' interess reali, possibli u potenzjali, u azzjonijiet ta' segwitu, inkluż dwar il-prattiki tal-bibien iduru (jiġifieri perjodi ta' preklużjoni ta' tliet snin). Kuntratti jew kompiti oħra meħuda bi ksur tar-regoli tal-bibien iduru huma nulli u bla effett. F'każ ta' ksur ta' regoli tal-bibien iduru, entitajiet privati li jkunu daħlu għal dawn il-kompiti mhux se jingħataw kuntratti mill-amministrazzjoni pubblika għat-tliet snin sussegwenti.

60 Deliberazzjoni Nru 50/2013 "Linji gwida għall-aġġornament ta' programm ta' tliet snin għat-trasparenza u l-integrità għall-2014-2016”.
61 http://www.funzionepubblica.gov.it/media/1092881/p_n_a.pdf.
62 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf.
63 http://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_6_1_1.wp?contentId=NOL783861.
64 Liġi nru 215 tal-2004 dwar il-kunflitti ta' interess: http://www.camera.it/parlam/leggi/04215l.htm.

Wara l-adozzjoni tal-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012, f'Marzu 2013, il-gvern għadda digriet leġiżlattiv dwar it-trasparenza tal-informazzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika[65] biex l-assi ta' uffiċjali eletti u maħtura u l-qraba tagħhom sat-tieni grad isiru pubbliċi. Id-digriet huwa msejjes fuq il-prinċipju li l-aċċess għall-informazzjoni pubblika hija r-regola u li l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu espressament previsti mil-liġi. Din is-sistema tal-iżvelar tal-assi hija applikabbli għal uffiċjali eletti u maħtura fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali, inkluż dawk li jwettqu kompiti temporanji f'isem l-awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, id-digriet leġiżlattiv maħruġ f'Mejju 2013, jistabbilixxi regoli ta' inkompatibbiltà u projbizzjoni minn ċerti pożizzjonijiet maniġerjali f'każ li l-uffiċjal inkwistjoni kien preċedentement ikkundannat għal reati kontra l-amministrazzjoni pubblika, kemm jekk skont deċiżjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza kif ukoll jekk dik finali.[66] Jipprevedi wkoll l-inkompatibbiltà bejn pożizzjonijiet maniġerjali pubbliku u dawk ta' kumpaniji kkontrollati mill-Istat jew tal-Istati u kumpaniji regolati jew iffinanzjati mill-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll nuqqas ta' kompatibilità bejn pożizzjonijiet maniġerjali u l-ħatriet politiċi pubbliċi.

Minkejja li dawn ir-regoli huma ta' min ifaħħarhom, ma tantx hemm ċarezza fil-qafas ġuridiku dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' verifika indipendenti u professjonali u tas-sistema ta' sanzjonar korrispondenti li taġixxi bħala deterrent fir-rigward tal-iżvelar tal-assi u l-kunflitti ta' interess għall-uffiċjali pubbliċi fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali. Mhuwiex kompletament ċar kif ksur serju f'dan il-qasam jista' jwassal għal sanzjonijiet bħat-tneħħija mill-kariga, u lanqas kif id-deċiżjonijiet meħuda f'tali sitwazzjonijiet jistgħu jitħassru u d-danni rimedjati. L-istess huwa validu għall-iżvelar tal-assi ta' uffiċjali eletti u maħtura.

L-aħħar evalwazzjoni tal-GRECO dwar l-ewwel u t-tieni sessjonijiet ta' evalwazzjoni konġunta tinkludi referenzi mill-awtoritajiet Taljani għar-rwol tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni fil-monitoraġġ tal-konflitti ta' interess ta' membri ta' gvern (inkluż il-konjuġi u l-qraba tagħhom). Skont l-awtoritajiet Taljani, l-awtorità tal-kompetizzjoni adottat linji gwida għall-interpretazzjoni stretta li tippromwovi firxa wiesgħa ta' dispożizzjonijiet ġuridiċi f'dan il-qasam. Il-każistika disponibbli jidher li tikkonferma dan l-approċċ. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani rrapportaw li l-Awtorità tal-Kompetizzjoni wżat ukoll id-dikjarazzjonijiet finanzjarji sottomessi lilha biex tiddetermina setturi partikolari fir-riskju fejn kunflitti ta' interess huma aktar probabbli li jseħħu (pereżempju r-radju u t-televiżjoni).[67] Madankollu, mhuwiex ċar kif il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u l-konflitti ta' interess se titwettaq fil-prattika skont il-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012. Il-CIVIT bħalissa hija responsabbli milli tiżgura li r-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni huma rispettati u mill-monitoraġġ tal-irregolaritajiet potenzjali, iżda s-setgħat tagħha huma prinċipalment ta' natura regolatorja, konsultattiva jew ta' gwida. Hija ma għandha l-ebda rwol fil-verifika fis-sustanza tal-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi fir-rigward ta' uffiċjali pubbliċi. Il-GRECO enfasizza wkoll li l-kwistjoni ta' kunflitti ta' interessi hija kwistjoni kontroversjali ħafna fl-Italja li għandha bżonn sorveljanza bir-reqqa sabiex tiġi ppreservata l-kredibilità tas-sistema".[68]

***Akkwist pubbliku***

65 Digriet leġiżlattiv Nru 33 tal-14 ta' Marzu 2013 Żvelar, Trasparenza u Disseminazzjoni tal-Informazzjoni Amminstrattiva.

66 Digriet Leġiżlattiv 8 ta' Aprl 2013, nru 39: Disposizioni in materia di inconferibilita' e incompatibilita' di incarichi presso le pubbliche amministrazioni e presso gli enti privati in controllo pubblico, a norma dell'articolo 1, commi 49 e 50, della legge 6 novembre 2012, n. 190.

67 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf.

68 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf.

Xogħlijiet, prodotti u servizzi pubbliċi fl-Italja ammontaw għal madwar 15,9 % tal-PDG fl-2011.[69] Il-valur tas-sejħiet għal offerta maħruġa fil-Ġurnal Uffiċjali bħala perċentwali tan-nefqa totali pubblika fuq ix-xogħlijiet, il-prodotti u s-servizzi kien ta' 18,3 % fl-2011. Fir-rapport ta' Ottubru 2012 tal-Kummissjoni *ad hoc* inkarigata milli tanalizza u tħejji proposti dwar it-trasparenza u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika, l-akkwist pubbliku kien enfasizzat bħala qasam fejn ir-riskji ta' korruzzjoni huma għoljin.[70] L-użu ta' proċeduri nnegozjati fl-Italja (b'mod partikolari mingħajr pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt) jidher li huwa ogħla mill-medja: fl-2010, dan kien jgħodd għal 14 % tal-valur tal-kuntratti, meta mqabbla mas-6 % fl-UE. Dan jista' jkun fattur li jżid ir-riskju ta' prattiki korrotti u qarrieqa.

Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tan-negozju dwar il-korruzzjoni tal-2013[71], 70 % ta' dawk li wieġbu jikkunsidraw li l-korruzzjoni hija mifruxa fl-akkwist pubbliku ġestit mill-awtoritajiet nazzjonali (medja tal-UE: 56 %) u 69 % f'dak ġestit mill-awtoritajiet lokali (medja tal-UE: 60 %). B'mod partikolari, dawk li wieġbu ddikjaraw li l-prattiki li ġejjin kienu mifruxa fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku: l-ispeċifikazzjonijiet magħmula apposta għal kumpaniji partikolari (52 %); l-abbuż ta' proċeduri nnegozjati (50 %); il-kunflitti ta' interess waqt l-evalwazzjoni tal-offerti (54 %); l-offerti kolluživi (45 %); għażla jew kriterji ta' valutazzjoni mhux ċari (55 %); il-parteċipazzjoni ta' offerenti fit-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet (52 %); l-abbuż mir-raġunijiet ta' emerġenza biex jiġu evitati proċeduri kompetittivi (53 %); u l-emendi ta' termini kuntrattwali wara l-konklużjoni ta' kuntratt (38 %).

L-infrastruttura tidher li hija fost l-aktar settur vulnerabbli għall-korruzzjoni fl-akkwist pubbliċi fl-Italja. Minħabba r-riżorsi kbar tiegħu, dan is-settur huwa aktar espost għall-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni minn gruppi kriminali organizzati. Barra minn hekk, it-tip ta' xogħlijiet, prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti f'dawn l-oqsma jikkonċerna għadd pjuttost limitat ta' fornituri, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' kollużjoni. Skont ir-riċerka empirika, il-qligħ mill-korruzzjoni fl-Italja frekwentament isir fil-fażi ta' wara l-għoti tal-kuntratt, notevolment fir-rigward ta' kontrolli fuq il-kwalità jew it-tlestija tax-xogħlijiet, servizzi jew provvisti.[72] Il-Qorti tal-Awdituri ikkonkludiet f'għadd ta' okkażjonijiet li l-proċess ta' akkwist pubbliku jsir sew, il-proċeduri jkunu rispettati, u dawk li jirbħu l-kuntratt fil-verità jidhru li kienu l-iktar offerti vantaġġużi, iżda mbagħad, il-kwalità tax-xogħol komplut tkun intenzjonalment kompromessa fil-fażi ta' eżekuzzjoni. Filwaqt li mhux bilfors jindikaw prattiki korrotti, dawn it-tip ta' irregolaritajiet, u l-indikaturi tal-Ewrobarometru hawn fuq, juru dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' kontroll attwali, partikolarment rigward il-fażi ta' implimentazzjoni ta' kuntratti pubbliċi. Il-Qorti tal-Awdituri indikat ukoll dgħufija fir-rigward tas-setgħat ta' kontroll tiegħu: l-impossibbiltà li jwettaq kontrolli *ad hoc* mingħajr avviż minn qabel li jista' jnaqqas ir-rata ta' skoperta tal-irregolaritajiet.[73] Il-kontabilità falza mhix penalizzata;[74] dan għandu effett negattiv fuq il-prevenzjoni tal-irregolaritajiet, notevolment fil-fażi tal-eżekuzzjoni.

Għax-xogħlijiet pubbliċi kbar biss, il-korruzzjoni (inkluż it-telf indirett) huwa stmat li jammonta għal massimu ta' 40 % tal-valur totali tal-akkwisti pubbliċi.[75] Xogħlijiet kbar ta' kostruzzjoni bħal dawk relatati mar-Rikostruzzjoni ta' L'Aquila wara t-terremot tal-2009, l-Expo Dinjija 2015 li se ssir f'Milan jew il-ferrovjarja ta' veloċità għolja li għandha tinbena bejn Turin u Lyon, ġew identifikati fl-isfera pubblika bħala proġetti fuq skala kbira li qed jiffaċċjaw riskju għoli ta'

69 http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/modernising_rules/public-procurement-indicators-2011_en.pdf.
70 http://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_6_1_1.wp?contentId=NOL783861.
71 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.
72 Ecorys, PwC, London Economics, *Public Procurement in Europe: cost and effectiveness,* 2011.
73 Idem.
74 Ir-reat ta' kontabilità falza ma jeżistix, kien dekriminalizzat fl-2002. Mandankollu, jista' jkun ikkunsidrat sa ċertu punt taħt reati oħra.
75 http://www.corteconti.it/procura/giudizio_parificazione/parifica_2011.

devjazzjoni potenzjali ta' fondi pubbliċi jew ta' infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata. Il-ferrovija ta' veloċità għolja hija fost l-aktar xogħlijiet ta' infrastruttura għalja u tagħti lok għal diskussjoni, meta jitqabbel il-prezz għal kull unità. Skont ir-riċerka, kilometru ta' linja ferrovjarja ta' veloċità għolja fuq il-linja Pariġi-Lyon jiswa madwar EUR 10,2 miljun, minn Madrid għal Sevilla jiswa EUR 9,8 miljun; minn Tokjo ta' Osaka, EUR 9,3 miljun, filwaqt li minn Ruma għal Napli, EUR 47,3 miljun, minn Turin għal Novara, EUR 74 miljun; minn Novara għal Milan, EUR 79,5 miljun u minn Bologna għal Firenze EUR 96,4 miljun. Fit-total, l-istima kienet ta' spiża medja ta' EUR 61 miljun għal kull kilometru fl-Italja.[76] Filwaqt li d-differenzi fl-ispiża ma jippruvaw xejn fihom infushom, dawn jistgħu jservu bħala indikatur, li għandhom ikunu kkorroborati b'indikaturi oħra, ta' kwistjonijiet potenzjali marbuta ma' ġestjoni ħażina jew irregolaritajiet potenzjali fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

Minħabba r-riskji ta' korruzzjoni u infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata fl-akkwist pubbliku, l-Italja tat attenzjoni dejjem ikbar għal dawn l-isfidi. Adottat leġiżlazzjoni ġdida bħal dik dwar it-traċċabilità tal-fondi fl-akkwist pubbliku, ippromwoviet proġetti ġodda biex jiġu traċċati tranżazzjonijiet finanzjarji u sabiex tiġi evitata infiltrazzjoni minn gruppi mafjużi, u żiedet il-kapaċità tal-Kumitat għall-koordinazzjoni ta' sorveljanza ta' livell għoli ta' xogħlijiet pubbliċi kbar *(grandi opere).*[77].

Miżuri ulterjuri pprovduta mil-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012 inkludew il-pubblikazzjoni onlajn mill-amministrazzjonijiet kollha tal-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ, u t-tqassim tal-ispejjeż tax-xogħlijiet u s-servizzi pubbliċi, u informazzjoni dettaljata dwar proċeduri ta' offerti attwali u preċedenti. Il-liġi tipprevedi wkoll bażi ta' dejta dwar il-kuntratti pubbliċi u l-obbligu fuq il-prefetti li jistabbilixxi "listi bojod" ta' operaturi ekonomiċi li ma jkunux esposti għal riskji ta' infiltrazzjoni mill-kriminalità organizzata. L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għadha għaddejja.

Fir-rigward tal-kwistjoni iktar ġenerali tat-trasparenza tal-infiq pubbliku u l-amministrazzjoni pubblika, l-awtoritajiet Taljani implimentaw numru konsiderevoli ta' miżuri biex jiżguraw li jkun hemm aktar trasparenza. Inizjattiva legali ta' min wieħed isemmi f'dan il-kuntest hija l-Liġi Nru 136 tal-2010 dwar il-kontroll tal-flussi finanzjarji li tipprevedi kont iddedikat wieħed għall-pagamenti kollha fl-eżekuzzjoni ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, u għalhekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ġenerali tal-korruzzjoni f'dan il-qasam.[78] Barra minn hekk, digriet leġiżlattiv tal-2012 jipprevedi l-użu tal-amministrazzjoni elettronika, proċeduri ta' applikazzjoni simplifikati lill-kumpaniji li jipparteċipaw f'offerti pubbliċi, u l-ħatra ta' maniġers għand min iċ-ċittadini jistgħu jappellaw fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni amministrattiva.[79]

| |
|---|
| ***Prattika tajba - pjattaformi ta' trasparenza*** |
| ***Bussola della trasparenza***[80]*: Għodda ġestita mid-Dipartiment tal-amministrazzjoni pubblika u s-simplifikazzjoni li tissorvelja d-disponibbiltà u l-livell ta' aċċessibilità ta' informazzjoni fuq il-websajts tal-ministeri.* |

76 Ivan Cicconi, Il libro nero della TAV

77 http://www1.interno.gov.it/mininterno/export/sites/default/it/sezioni/ministero/ccasgo. and http://www.civit.it.

78 Liġi 136 tat-13 ta' Awwissu 2010 rigward pjan staordinajru kontra l-mafja: http://www.gazzettaufficiale.it/gunewsletter/dettaglio.jsp?service=1&datagu=2010-08-23&task=dettaglio&numgu=196&redaz=010G0162&tmstp=1283782945903

79 Id-digriet 'Semplifica Italia' tal-4 ta' April 2012: http://www.funzionepubblica.gov.it/media/970067/semplificaitalia_opuscolo.pdf

80 http://www.magellanopa.it/bussola/.

***Avviso Pubblico*** *(http://www.avvisopubblico.it/): netwerk ta' 'l fuq minn 200 amministrazzjoni reġjonali, muniċipali u provinċjali li jaħdmu flimkien bil-għan li jipprevjenu b'mod attiv il-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni tal-Mafja fl-istrutturi pubbliċi.*

***ITACA***[81]*: assoċjazzjoni li taħdem fuq it-trasparenza fl-akkwist pubbliku u n-nefqa pubblika b'mod ġenerali. Il-membri tagħha jkopru kważi 90 % tal-amministrazzjoni pubblika reġjonali.*

***CAPACI***[82] *(il-ħolqien ta' proċeduri awtomatizzati kontra l-infiltrazzjoni kriminali f'kuntratti pubbliċi): Proġett iffinanzjat mill-UE għall-monitoraġġ tal-flussi finanzjarji kbar fil-katina tal-provvista ta' kuntratti pubbliċi. Is-sistema se tippermetti li l-awtoritajiet jimpedixxu l-infiltrazzjoni ta' kapital ta' oriġini illeċita billi toħloq bażi ta' dejta ta' trasferimenti bankarji u twissijiet biex jidentifikaw imġiba anormali. Il-proġett huwa fi stadju pilota f'għadd ta' reġjuni fl-Italja.*

***Linee guida***[83]*: Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tas-sorveljanza ta' Livell Għoli ta' xogħlijiet pubbliċi kbar approva dokument strateġiku kontra l-Mafja bħala miżura ta' prevenzjoni kontra l-infiltrazzjoni tal-Mafja fil-programm għall-infrastrutturi strateġiċi. Inħarġu linji gwida inklużi l-istruzzjonijiet għal kontrolli kontra l-Mafja fuq kuntratti u sottokuntratti rigward ix-xogħlijiet, il-provvisti u s-servizzi fi proġetti tal-infrastruttura strateġika bħall-bini fl-Abruzzo jew ix-xogħol marbut mal-Expo Dinjija 2015.*

***Korruzzjoni fis-settur privat***

L-Italja għadha ma ttrasponietx bis-sħiħ id-Deċiżjoni qafas 2003/568/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat.[84] Il-korruzzjoni fis-settur privat mhux imsemmija bħala reat fil-Kodiċi Kriminali Taljan, iżda hi koperta minn dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali fil-kodiċi ċivili. Il-liġi kontra l-korruzzjoni tal-2012 emendat dawn id-dispożizzjonijiet u pprevediet definizzjoni ġdida tal-korruzzjoni u sanzjonijiet ġodda fis-settur privat. Madankollu, dawn għadhom ma jindirizzawx in-nuqqasijiet kollha relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tar-reati tal-korruzzjoni fis-settur privat u mar-reġim tas-sanzjonar. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda ma jiddefinixxux b'mod wiesa' biżżejjed il-karigi ta' tmexxija f'kumpanija li jistgħu jwasslu li kumpanija tkun responsabbli minn reati ta' korruzzjoni magħmula minn persuni f'dawn il-karigi. Ma jipprevedux ir-responsabbiltà f'każi ta' nuqqas ta' superviżjoni. Ir-reġim tas-sanzjonar applikabbli għall-persuni ġuridiċi jidher li mhux dissważiv biżżejjed. Id-dispożizzjonijiet attwali dwar it-tixħim fis-settur privat għaldaqstant huma limitati wisq, u jillimitaw l-ambitu tal-kategoriji ta' maniġers fis-settur privat responsabbli mir-reati. Barra minn dan, ma ssirx prosekuzzjoni fil-kariga, iżda biss wara ilment, minbarra għall-każijiet fejn dan iwassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fl-akkwist ta' prodotti u servizzi.

Rigward ir-rekwiżiti ta' kontabilità għall-kumpaniji, il-GRECO nnota li s-sistema ta' kontabilità fl-Italja ma tikkonformax mal-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni. Dan huwa evidenti b'mod partikolari fir-rigward tal-limiti ta' responsabbiltà, l-ambitu limitat tar-rekwiżiti ta' kontabilità (jiġifieri applikabbli biss għal kumpaniji elenkati, kumpaniji tal-

81 http://www.itaca.org/index.asp
82 http://www.cbi-org.eu/Engine/RAServePG.php/P/280110010410/L/0.
83 http://www1.interno.gov.it/mininterno/export/sites/default/it/sezioni/ministero/ccasgo/linee_guida/.
84 COM(2011) 309 final, it-Tieni Rapport ta' Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2003/568/JHA tas-6 ta' Ġunju 2011: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/corruption/docs/report_corruption_private_sector_en.pdf.

Istat u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni), l-iffissar ta' penali u l-ambitu tar-reat ta' kontabbiltà falza.[85]

Fir-rigward tat-tixħim barrani, l-Italja għandha qafas komprensiv għall-prosekuzzjoni ta' dan ir-reat u għamlet sforzi sinifikanti dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali reati.[86] Investigazzjonijiet reċenti ta' prattiki allegatament korrotti barra l-pajjiż fis-setturi tad-difiża u tal-enerġija jindikaw li t-tixħim barrani għadu preżenti, iżda juru wkoll li l-infurzar tal-liġi qed tagħmel sforzi kredibbli biex tidentifika u tinvestiga każijiet bħal dawn. L-OECD tiġbed l-attenzjoni lejn in-nuqqasijiet li fadal, fir-reġim tas-sanzjonijiet, filwaqt li tinnota li f'Diċembru 2011, għalkemm 60 konvenut tħarrku u 9 każijiet kienu taħt investigazzjoni, sanzjonijiet finali ġew imposti biss kontra 3 persuna ġuridika u 9 individwi, fil-każijiet kollha permezz ta' ftehim *('parteggiamento')*.[87] Hija enfasizzat ukoll li ħafna każijiet kontra persuni ġuridiċi twarrbu billi kienu preskritti.

## 3. PASSI FUTURI

L-adozzjoni tal-liġi kontra l-korruzzjoni f'Novembru 2012 tirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Italja. Hija tenfasizza l-politiki ta' prevenzjoni li għandha l-għan li żżid il-livell ta' responsabbiltà fl-amministrazzjoni pubblika u l-mexxejja politiċi u li tibbilanċja l-piż ta' kontra l-korruzzjoni li attwalment jaqa' kważi esklussivament fuq l-infurzar tal-liġi. Madankollu, minkejja sforzi konsiderevoli min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri, il-korpi li jinfurzaw il-liġi, is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-ġudikatura, il-korruzzjoni għadha sfida serja fl-Italja. Saru magħrufa għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni oħra, li jinvolvu numru ta' uffiċjali reġjonali eletti ewlenin, u li jiżvelaw il-finanzjament illegali tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, kif ukoll rabtiet ma' gruppi mafjużi. Il-każijiet kontra uffiċjali ta' livell għoli fejn ġew infurzati sanzjonijiet dissważivi għadhom skarsi. Ma ġiex indirizzat it-tħassib dwar l-ostakoli kkawżati mir-reġim restrittiv tal-istatut tal-limitazzjonijiet għall-aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni. Il-qafas applikabbli għall-kunflitti ta' interess u l-finanzjament tal-partiti politiċi għadu sa ċertu punt mhux sodisfaċenti. L-akkwist pubbliku u s-settur privat jibqgħu setturi vulnerabbli għall-korruzzjoni minkejja għadd ta' miżuri diġà meħuda. B'mod ġenerali, jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u l-monitoraġġ tal-qafas ġuridiku kontra l-korruzzjoni, inklużi d-digrieti leġiżlattivi, biex jiġi żgurat impatt sostenibbli fil-prattika.

Il-punti li ġejjin jeħtieġu aktar attenzjoni:

- It-tisħiħ tas-sistema ta' integrità għall-**uffiċjali eletti u maħtura**, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż permezz ta' kodiċijiet ta' etika komprensivi b'għodod ta' responsabbiltà adegwati u sanzjonijiet dissważivi għal ksur potenzjali ta' dawn il-kodiċijiet. Il-promozzjoni ta' kodiċijiet ta' etika fi ħdan il-partiti politiċi jew patti etiċi fost il-partiti u l-gruppi politiċi. Astenzjoni milli jgħaddu liġijiet *ad personam*. It-tisħiħ tal-qafas ġuridiku u ta' implimentazzjoni dwar **il-finanzjament tal-partiti**, b'mod partikolari fir-rigward ta' dispożizzjonijiet aktar stretti dwar id-donazzjonijiet, il-konsolidazzjoni tal-kontijiet tal-partiti politiċi, il-koordinazzjoni u livell adegwat ta' setgħat għas-superviżjoni ta' finanzjament tal-partiti u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissważivi.

85 http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/evaluations/round2/GrecoRC1&2(2011)1_Add_Italy_EN.pdf
86 http://www.oecd.org/daf/anti-bribery/anti-briberyconvention/Italyphase3reportEN.pdf .
87 Idem.

- L-indirizzar tan-nuqqasijiet tar-reġim **tal-istatut ta' limitazzjoni**, kif mitlub mir-rakkomandazzjonijiet indirizzata lill-Italja f'Lulju 2013 fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, billi wieħed jikkunsidra li jemenda r-regoli applikabbli għat-terminu ta' preskrizzjoni (inkluż l-esklużjoni ta' każijiet taħt appell mit-terminu ta' preskrizzjoni) u jiġu introdotti regoli flessibbli dwar is-sospensjoni u l-interruzzjoni. Il-valutazzjoni tar-riskji li każijiet ta' korruzzjoni pendenti jiġu preskritti u l-iżgurar tal-prijoritizzazzjoni tal-każijiet li qegħdin f'dan ir-riskju.

- It-tisħiħ tas-setgħat u l-kapaċità tal-Aġenzija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (CIVIT) sabiex tkun tista' taqdi **rwol ta' koordinazzjoni** b'saħħtu u funzjonijiet ta' ispezzjoni u ta' superviżjoni effettivi, inklużi fuq livelli reġjonali u lokali. L-iżgurar ta' qafas uniformi **għall-kontrolli interni** u l-użu ta' **awditjar indipendenti estern fil-livelli reġjonali u lokali** fir-rigward tal-infiq pubbliku, inkluż fl-implimentazzjoni ta' kuntratti pubbliċi. L-iżgurar ta' verifika sistemika, indipendenti u uniformi tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u tal-assi ta' uffiċjali pubbliċi u sistema ta' sanzjonar korrispondenti li taġixxi bħala deterrent.

- It-titjib tat-trasparenza fl-**akkwist pubbliku**, qabel u wara l-għotja tal-kuntratt, kif mitlub mir-rakkomandazzjonijiet indirizzata lill-Italja f'Lulju 2013, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Dan jista' jinkiseb permezz tal-pubblikazzjoni onlajn mill-istrutturi amministrattivi kollha tal-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ, kif ukoll it-tqassim tal-ispejjeż tax-xogħlijiet, il-provvisti u s-servizzi pubbliċi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni. Il-kunsiderazzjoni li l-Qorti tal-Awdituri tingħata s-setgħa li twettaq kontrolli *ad hoc* mingħajr avviż minn qabel. Tiġi żgurata t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2003/568/JHA dwar il-ġlieda kontra **l-korruzzjoni fis-settur privat.** Il-kunsiderazzjoni tal-iżvilupp ta' għodod ta' prevenzjoni u monitoraġġ kontra l-korruzzjoni għall-kumpaniji attivi f'setturi fejn instabu każijiet fuq skala kbira ta' vulnerabbiltajiet għat-tixħim barrani, bħad-difiża u l-enerġija.